MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 825/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**ROMEO BONE**
**(ID Nru. 195376M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 825/2011

Illum, 24 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Romeo Bone, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 195376M.

**Akkuzat talli:**

Gewwa l-lukanda Radisson Blu Resort, San Giljan nhar l-Erbgha (4) ta` Lulju, 2011, ghal habta tal-ghaxra ta` filghaxija (22:00hrs), ikkommetta serq ta` **hp** *computer tower* minn gewwa l-*business centre room* tal-imsemmija lukanda, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmija lukanda u/jew persuni ohra.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wettaq l-imsemmi reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza ta` hmistax (15) il-xahar prigunerija sospiza ghal erbgha (4) snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, LL.D., nhar is-sebgha (7) ta` Ottubru, 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, LL.D., fit-tmintax (18) ta` Frar, 2011, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta` hmistax il-elf ewro (€15,000), kif ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, LL.D., fit-tlettax (13) ta` April, 2007, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan that depositu ta` elf u hames mija Lira Maltija (LM 1,500) u garanzija personali ta` hames t'elef (Lm 5,000), fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Romeo Bone u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta` hmistax il-ewro (€15,000) u hames t'elef maltin (LM5,000) bhal garanzija personali u s-somma ta` elf u hames mija maltin (LM1,500) bhala depositu jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta` htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata tletin (30) ta` Ottubru, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 18, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 579 (2) (3), 17, 23, 30, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti nnotat dawn il-fatturi sussegwenti:

1. Il-hlas lura tal-valur tar-rifurtiva bhala gdid;
2. Il-fatt li l-imputat ghandu impjieg fiss u regolari;
3. L-ammissjoni volontarja tieghu.

Izda *tenendo conto* tal-fedina penali mimlija tal-imputat, dina l-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li fil-konfront tal-ewwel (1) akkuza tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien ta` tlett (3) snin mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-konfront tat-tieni u t-tielet akkuzi ssibu hati u testendi s-sentenza sospiza li giet inflitta lilu minn Qorti diversament ippreseduta fis-sebgha (7) t'Ottubru, 2009, ghal erba` (4) snin mil-llum a tenur tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u tikkundannah multa ta` mitejn ewro (€200) bi zmien sitt (6) xhur ghal hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------